Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 349 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Bernardette Valletta

Vs

Andrew Depasquale

Illum 4 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Andrew Depasquale detenur tal-karta tal-identita Maltija 135988 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-granet ta' bejn it-30 u 31 ta' Lulju 2018, gewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex;

1. Ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBX 115 tal-ghamla Mazda Demio ta' lewn griz, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur jammonta ghal erbat elef u sebgha mitt euro (Euro 4700) aggravat ukoll bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261 (c) (g), 279 (b), 280 (1), 281 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 t' Awwissu, 2018, fejn il-Qorti l-Art 279 (b) u rat ukoll illi l-oggetti kollha gew ritornati u ghalhekk kien opportun li l-Qorti ikkonsidrat dan kollu fid-decizjoni finali taghha.

Rat illi bl-applikazzjoni tal-Art 21 tal-Kap 9, stante illi l-akkuzat dakinhar stess gie gia' kkundannat piena ta' prigunerija ta' tnax (12) il-xahar fuq akkuzi ohra, u stante illi l-akkuzat wera x-xewqa illi jirranga hajtu, jezistu ragunijiet specjali u straordinarji sabiex, fl-akkuzi odjerni, li taghhom huwa ammetta minnufih u irritorna r-rifurtiva kollha, jinghata piena anqas mill-minimu.

Il-Qorti ghalhekk sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha u ghal ragunijiet fuq imsemmija, partikolarment is-sentenza moghtija llum li kienet originarjament moghtija fl-20 ta' April 2018, ikkundannatu piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur.

Il-Qorti fehmet li l-akkuzat ghandu problema akuta ta' droga u ghalhekk minnufih stiednet lill-Awtoritajiet tal-Habs sabiex fil-perjodu ta' inkarcerazzjoni jittiehed sabiex jaghmel il-programm li hu ilu jixtieq li jaghmel bit-tama li meta eventwalment johrog mill-habs ikun fieq mill-problema li huwa ghandu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 t' Awwissu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontrih, tgħaddi sabiex tirrevoka l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat fil-konfront tal-appellat u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi, indipendentement mill-proċedura adoperata ai termini tal-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, fis-seba' (7) t' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) ġiet

ippreżentata nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn informa lill-Qorti li xtaq jappella mis-sentenza mogħtija;

Illi fid-disa' (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018), ir-rikorrent irċieva l-atti proċesswali fl-ismijiet fuq premessi mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest u dan minħabba il-fatt li skont ir-rikorrent, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċjazzjoni u applikazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta infliġġiet il-piena fil-konfront tal-appellat Andrew Depasquale, liema piena erogata ma tirrinkwadrax ruħha fil-parametri tal-Liġi nostrana;

Illi, minkejja li huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Infatti, fis-sentenza tal-każ *Il-Pulizija vs. Spiru Muscat* mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti* ***jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi*** *u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.(Sottolinear u enfasi tal-esponent)*

Illi, din il-ġurisprudenza ormai ben stabbilita u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn, *inter alia,* dik il-piena ma tkunx fil-parametri tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizżat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001 (52/2000), fejn il-Qorti qalet li:

*Illi kif gja rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa rarament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tghamlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew* ***tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.*** *(Sottolinear u enfasi tal-esponent)*

Fil-kaz in deżamina, il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ċertament jidher illi hija waħda li ma tirrinkwadrax ruħha fil-parametri tal-liġi;

Illi, hawnhekk, ir-reat prinċipali dedott kontra l-appellat huwa propju dak ta' serq aggravat bil-valur ta' erba' t'elef u seba' mitt Ewro (€4,700), liema reat, ai termini tal-Artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali, iġorr miegħu piena ta' bejn tlettax (13) il-xahar u seba' (7) snin. Ukoll, l-istess serq kien aggravat bix-xorta, u għalhekk, ai termini tal-Artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena stabbilita għas-serq ikkwalifikat bil-valur ma tistax tingħata fil-minimu tagħha. *In oltre*, l-addebitu tar-reċeiva mhux ser jittieħed in konsiderazzjoni ai fini ta' dan l-appell stante li huwa diskrezzjonarju fuq il-Qorti jekk tapplikax, *o meno*, id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi, *nonostante* dak li tipprovdi l-Liġi nostrana, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tinfliġġi piena li ma taqax bejn il-parametri appena ċitati, u dana a bazi tas-segwenti raġunament–

*Rat illi bl-applikazzjoni tal-Art. 21 tal-Kap. 9, stante illi l-akkuzat illum stess ġie ġia ikkundanat piena ta' priġunerija ta' tnax (12) il-xahar fuq akkuzi oħra, u stante illi l-akkuzat wera x-xewqa illi jirranġa ħajtu, jezistu raġunijiet speċjali u straordinarji sabiex, fl-akkuzi odjerni, li tagħhom huwa ammetta minnufih u irritorna r-rifurtiva kollha, jingħata piena anqas mill-minimu.*

Illi, fid-dawl tas-suespost, ikun opportun li, f'dan l-istadju, wieħed jannalizza x'jistipola ezattament l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid propju hekk –

*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7.*

Illi, għalhekk, a bazi tal-Artikolu appena ċitat, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tinfliġġi piena taħt il-minimu jekk tkun konvinta illi jezistu raġunijiet speċjali u straordinarji sabiex tagħmel dan;

Illi, dwar dawn ir-raġunijiet li ssemmi l-Liġi, il-ġurisprudenza nostrana tagħna hija ċara. Fis-sentenza fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs Joseph Difesa***"[1] datata ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija, disgħa u disgħin (1999), ġie ritenut illi –

> *Mhux kullma l-Ewwel Qorti tipprospetta fis-sentenza bhala ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom necessarjement jigu accettati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali bhala tali. Fi kliem iehor, ir-ragunijiet specjali u straordinarji migjuba fis-sentenza appellata huma sindakabbli mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghall-finijiet ta' appell taht l-artikolu 414 (1) (b) (iii) tal-Kodici Kriminali.* ***Huwa proprju ghall-finijiet ta' tali sindakabilita' li l-istess artikolu 21 jipprovdi li dawn ir-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom "jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza".*** *Kieku kien mod iehor ifisser li l-Qorti Inferjuri tista' ssemmi l-aktar ragunijiet assurdi jew ordinarji u tikkwalifikahom bhala "specjali u straordinarji" u l-Avukat Generali xorta wahda ma jkunx jista' jappella taht l-artikolu 413 (1) (b) (iii) imsemmi. Certament din qatt ma kienet l-intenzjoni tal-legislatur.*[2]

Illi, di piu', l-istess kazistika tistipola mhux biss illi dawn ir-raġunijiet għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza izda ukoll li dan l-artikolu għandu jiġi applikat bħala eċċezzjoni u mhux bħala regola[3];

Illi, primarjament, a bazi ta' dan it-tgħallim tal-Qrati tagħna, irid jiġi rilevat illi fis-sentenza fl-ismijiet fuq premessi (is-sentenza appellata), l-Ewwel Qorti kull ma għamlet kienet li semmiet *en passant* ir-raġunijiet li hi qiset li kienu speċjali u straordinarji, pero' ma daħlitx fihom fid-dettal u "*bir-reqqa kollha*" hekk kif tirrikjedi l-ġurisprudenza;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, wieħed irid jgħaddi sabiex jara jekk ir-raġunijiet imsemmija da parti tal-Ewwel Qorti bħala *speċjali u straordinarji* humiex tassew hekk.

---

[1] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano.
[2] Enfazi tal-esponent.
[3] *Il-Pulizija vs Joseph Said*, datata 26 ta' Novembru 1992 (Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Victor Caruana Colombo).

Dawn ir-raġunijiet li ingħataw fis-sentenza appellata kienu s-segwenti –

1. Li l-appellat kien ġia ġie kkundanat dakinhar stess għal tnax –il xahar priġunerija fuq akkuzi oħra;
2. Li l-appellat wera x-xewqa illi jirranġa ħajtu;
3. Li l-appellat ammetta fi stadju bikri;
4. Li l-appellat irritorna r-rifurtiva;

**<u>Raġuni #1</u>: Li l-appellat kien ġia ġie kkundanat dakinhar stess għal tnax –il xahar priġunerija fuq akkuzi oħra**

Illi, l-ewwel raġuni li l-Ewwel Qorti tat bħala raġuni speċjali u straordinarja sabiex nizlet taħt il-minimu kienet li l-appellat kien ġia ġie ikkundanat dakinhar stess għal tnax -il xahar priġunerija fuq akkuzi oħra. B'kull dovut rispett, din ir-raġuni ma setgħet qatt titqies bħala waħda speċjali u straordinarja. Kull persuna huwa responsabbli għal għemilu, u jekk l-appellat instab ħati għar-reati oħra li kkommetta fi proċeduri separati minn dawk odjerni, din m'għandha qatt tkun ta' mitigazzjoni a rigward ta' piena ta' reati oħra li huwa ukoll kkometta! B'dan ir-raġunament, persuna li xxellef dufrejha mal-ġustizzja darba wara l-oħra qed tingħata inċentiv sabiex tkompli tikser il-Liġi, u dana għaliex, skond is-sentenza appellata, jekk wieħed jinstab ħati ta' reati oħra din ser tkun meqjusa bħala raġuni speċjali u straordinarja u b'hekk huwa jingħata piena ferm aktar miti milli jkun filfatt ħaqqu. Ċertament li dan ma kienx l-ispirtu li kien qed jintendi l-leġislatur meta inkiteb l-artikolu tal-Liġi in kwistjoni;

Illi, infatti, l-anteċedenti ta' persuna u/jew in-nuqqas tagħhom ma kinux prospettati li jittieħdu in konsiderazzjoni ai fini tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tezisti ġurisprudenza kopjuza fuq binarji simili. Filfatt, is-sentenza fl-ismijiet "***<u>Il-Pulizija vs Francis Axisa</u>***"[4], datata sbatax (17) t'Ottubru tas-sena elf, disa' mija, seba' u disgħin (1997) irriteniet illi "*Il-fatt li wieħed ikollu fedina penali nadifa ma jammontax la għal raġuni speċjali u lanqas għal raġuni straordinarja*";

Illi, għalhekk, in vista ta' dan kollu, il-fatt li l-appellat kien ġie ikkundanat piena ta' priġunerija oħra dakinhar stess f'kawza separata, ma jista' qatt jiġi kkunsidrat bħala

[4] Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano.

wieħed *speċjali u straordinarju* u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet skoretta fil-kunsiderazzjoni tagħha dwar l-istess!

**<u>Raġuni #2</u>: Li l-appellat wera x-xewqa illi jirranġa ħajtu**

Illi, raġuni oħra li l-Ewwel Qorti tat bħala raġuni speċjali u straordinarja sabiex nizlet taħt il-minimu kienet dik li l-appellat wera x-xewqa li jirranġa ħajtu. Filwaqt li din hija xewqa ta' min ifaħħarha, xorta waħda m'għandiex tiġi kkunsidrata bħala raġuni straordinarja u speċjali ai fini tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Hawn bosta akkuzati u imputati li juru x-xewqa li jbidlu l-kors ta' ħajjithom, speċjalment meta dawn jkunu ben konxji li qed jaffaċjaw piena ta' priġunerija konsiderevoli. *Se mai*, jekk il-Qorti verament temmen li din ix-xewqa għandha mis-sewwa, hija tista' tagħżel li tinfliġġi piena miti, pero mhux tinzel taħt il-minimu! Ċertament li lanqas din ir-raġuni ma tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda speċjali u straordinarja, u hawnhekk ukoll l-Ewwel Qorti kienet skoretta fil-kunsiderazzjoni tagħha dwar l-istess.

**<u>Raġuni #3</u>: Li l-appellat ammetta fi stadju bikri**

Illi, ukoll, l-Ewwel Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-appellat bħala raġuni speċjali u straordinarja sabiex nizlet taħt il-minimu. B'kull dovut rispett, dan huwa raġunament li ma jreġix. Għalkemm il-fatt li huwa ammetta għandu jiġi kkunsidrat ai fini ta' piena, pero', minn naħa l-oħra, dan m'għandux jkun ikkunsidrat bħala raġuni "*speċjali u straordinarja*" ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi, filfatt, f'dan ir-rigward, l-esponent ser jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), preseduta mill-Imħallef Galea Debono, datata erba' (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), fl-ismijiet "***<u>Il-Pulizija vs Ryan Dimech</u>***", li rriteniet hekk –

> *Hu paċifiku fil-ġurisprudenza li biex Qorti tagħti piena taħt il-minimu, irid ikun hemm 'raġunijiet speċjali u straordinarji li jridu jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza'.*

*__Ammissjoni bikrija__ u li l-imputat ikun għamel tajjeb għall-ħsara minnu kkaġunata __ma jikkwalifikawx bħala raġunijiet speċjali u straordinarji__.*[5]

Illi, *di piu*, dan il-fattur mhuwiex ta' natura la speċjali u wisq lanqas straordinarja, u dana konsiderando l-ammont ta' akkuzati li kuljum jammettu għall-akkuzi dedotti kontra tagħhom. Ukoll, dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tinjora ċ-ċirkostanzi li wasslu għal din l-ammissjoni, u ċioe li l-qua appellat inqabad *flagrante delicto* jarmi ċ-ċavetta tal-karozza misruqa in kwistjoni, u dana hekk kif induna li kien hemm il-Pulizija fuq il-post! Għaldaqstant, l-appellat ma tantx kellu triq oħra ħlief li jammetti għall-akkuzi dedotti kontrih, u in vista ta' dan kollu din l-ammissjoni ma tista' qatt tiġi kkunsidrata bħala waħda speċjali u straordinarja! Għaldaqstant, anke a rigward din ir-raġuni, l-Ewwel Qorti kienet zbaljata.

**__Raġuni #4__: Li l-appellat irritorna r-rifurtiva**

Illi, l-aħħar raġuni li l-Ewwel Qorti tat bħala raġuni speċjali u straordinarja sabiex nizlet taħt il-minimu kienet propju li l-appellat irritorna r-rifurtiva. Din ma tista' qatt titqies bħala raġuni *speċjali u straordinarja* u dana huwa stabbilit ċar daqs il-kristall fl-Artikolu 337(5) tal-Kodiċi Kriminali, li jistipola hekk -

*… (2) __**Fil-każ ta' serq**__, sew jekk sempliċi sew ikkwalifikat, kif ukoll reat ta' ħsara volontarja lil proprjetà li jsir filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq, il-piena stabbilita titnaqqas b'żewġ gradi kemm-il darba, qabel ma jitressaq quddiem il-qorti f'konnessjoni ma' dak is-serq:*

*(a) il-ħati jikxef lill-awtorità kompetenti kull persuna li setgħet laqgħet għandha jew xtrat mingħandu, jew li setgħet hadet sehem fil-bejgħ jew tmexxija tal-proprjetà misruqa; u*

*(b) (i) __**jew jikkonsenja lill-awtorità kompetenti l- proprjetà kollha misruqa minnu, u jrodd lill-offiż kull ħsara li setgħet tkun ġiet ikkaġunata lill- proprjetà**__, jew*

*(ii) fil-każ li l-proprjetà ma tkunx inġabret lura, iħallas lill-offiż il-valur sħiħ tal-proprjetà hekk misruqa; u*

*(ċ) irodd għal kollox lill-offiż kull ħsara, lil proprjetà mobbli jew immobbli oħra, kkaġunata bir-reat ta' serq jew filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq.*

*…*

---

[5] Enfazi tal-esponent.

(5) ***Iċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx jitqiesu bħala raġunijiet speċjali jew straordinarji għall-finijiet tal-artikolu 21***.[6]

Illi, jsegwi għalhekk li l-Liġi nostrana hija ċara u ma tħallix lok għall-interpretazzjoni ulterjuri – li wieħed jirritorna r-rifutiva m'għandiex titqies bħala raġuni speċjali u straordinarja ai fini tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkunsidrata li din ir-raġuni kienet hekk.

Illi, għaldaqstant, *in vista* tas-suespost, l-esponent umilment jemmen illi l-Ewwel Qorti, fiċ-ċirkostanzi tal-kaz *de quo* ma kelliex tinzel taħt il-minimu preskritt mill-Liġi ai fini ta' piena, stante li ma jirrizultax illi jezistu raġunijiet "*speċjali u straordinarji*" li jimmeritaw piena inqas mill-minimu preskritt mill-Liġi ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk in vista ta' dan kollu, tali piena imposta fuq l-appellat għandha tiġi varjata sabiex tkun waħda fil-parametri tal-liġi u sabiex tirrispekja ċ-ċirkostanzi tal-każ *de quo*.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-eduta tat-8 a Novembru 2018 fejnsussegwentement albu lil dinil-Qorti tghaddi gahs-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Il-fatt fil-qosor li taw lok ghal-dan l-appell kienu s-segwenti:-

a. Ili l-appellant tressaq il-Qorti nhar is-6 ta' Awwissu 2018 fejn gie akkuzat talli fi granet bejn it-30 u il-31 ta Lulju 2018 gewwa Testaferrata street Ta Xbiex ikkometta serq ta vettua bin-numru ta regisstrazzjoni EBX 115, lilema serq hu aggrabat bil-vaur u bix-xorta tal-haga misruqa.
b. In oltre gie akkuzat talli huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta.
c. Illi dakinhar stess tal-prezentaa l-appellant irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti ghall-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu.
d. L-appellant inghata zmien xieraq sabiex jara jekk riedx jirtira l-ammissjoni tieghu pero ciononnostante insita li jirregistra tali ammissjoni.

[6] Enfazi tal-esponent.

e. Illi in segwitu l-Qrti giet infurmata li l-appellant kien irritorna l-vettura u li hsra ma kienx hemm fiha u din flimkien mal-oggetti kollha li kien jinsabu go fiha .

Illi l-ewwel Qorti a bazi ta dawn il-fatti ghaddiet biex tapplika l-artikolu 21 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u applikat piena li hija taht il-minimum dispost fil-ligi.

Illi l-ewwel Qorti semmiet ir-ragunijiet fis-sentenza taghha li fil-fehma taghha kienu dawk li jammontaw ghal ragunijiet *"speċjali u straordinarji" fejn allura setghet tapplika piena inqas minn dik stabilita mill-ligi bhala minimum. Dawn ir-ragunijeit kienu is-segwenti kif identifkati ben tajjeb mill-Avuakt Generali u cioe:-*

1. Li l-appellant kien gja gie kkundannat dakinhar stress ghal tnax-il xahar prigunerija fuq akkuzi ohra.
2. Li l-appellant wera x-xewqa li jirranga hajtu.
3. Lil-appellant ammett l-akkuzi fi stadju bikri.
4. Li l-appellant irritorna ir res furtiva.

Il-prinċipju segwit mill-ordinament ġuridiku tagħna f'sitwazzjonijiet bħal dawn hu li l-pieni erogati ma jitgħux ikunu taħt il-minimu sanċit mill-Liġi. F'dan il-każ in diżamina, l-Liġi (speċifikament l-Artikolu 279B), 280(1) u 281(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta) ma jfornu l-ebda diskrezzjoni lill-Ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk il-Qorti hija marbuta li tapplika l-piena kollha ghandha diskrezzjoni biss jekk tapplikax l-piena li talvolta tista tigi komminata peress li l-appellant ammetta li hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[7], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** [8] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** [9]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi r-*raison d'être* ta' l-aggravju, mhuwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa u ezemplari fuq l-appellat, iżda li tiġi inflitta l-piena kif prevista mil-Liġi stess. Il- motivazzjoni li għandu jkollu l-Avukat Generali sabiex iressaq dan l-Aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Jigi rilevat li l-appellant gie akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur (stante li l-ammont imsemmi fl-akkuza huwa ta' €4,700) u nin-natura tax-xorta tal-haga misruqa u ghalhekk f'kaz ta' hitja (li f'dan il-kaz mhux kontestat ghaliex l-Qorti hija rinfaccjata bl-ammissjoni tal-appelant stess) il-piena li ghandha tinghata hija dik imsemmija fl-artikoli 279 (b) u l-artikolu 280(1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

279. *Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel –*

---

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[9] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

*(b) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin*:

280. (1) *Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-minimum tagħhom.*

Skond l-artikolu 20 tal-Kap. 9, li l-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghal-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum (13 il-xahar) u l-maximum (7 snin). Dan igib piena minima ta' tlieta w ghoxrin xahar u ghoxrin gurnata prigunerija

In oltre hemm ukoll dak li jiddsponi l-artikolu 50 tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li hija fakultativa fuq il-Qorti. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

50. "*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġietmaħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn hames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha,tista'*[10] *teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għaldak id-delitt ieħor*"

Ghalhekk il-piena li inghatat mill-Qorti u cioe' sitt xhur prigunerija hija ferm inqas minn dik li tipprovdi l-ligi.

L-ewwel Qorti ittentat tiggustifika l-ghoti tal-pinea taghha taht il-minimum billi iccitat l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex fil-fehma taghha kienu jezistu cirkostanzi li huma *speċjali u straordinarji.*

L-artikolu 21 tal-Kap 9 huwa car u ghandu jigi rispettat kemm fil-forma kif wkoll fis-sustanza mill-Qrati fil-ghoti tas-sentenzi taghhom. Ghandu jigi interpretat bl-aktar mod strett u l-applikazzjoni tieghu fi kliem l-istess ligi jirrikjedi:

[10] Enfazi taal-Qorti

a. Ragunijiet specjali u straordinarji, u

b. Li dawn r-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom jissemmew bir-reqqa fis-sentenza.

Dan l-artikolu qed jitkellem fil-plural u ghalhekk dan jfisser li jrid ikun hemm ragunijiet [mhux raguni wahda] li jkunu specjali, kif wkoll li dawn ghandhom ikunu straordinarji [mhux jew straordinarji] u dawn ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza [vide **Il-Pulizija v Pierre Bugeja**[11] u **Il-Pulizija v Simon Camilleri**[12]].

Pero' kif riteniet din l-istess Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kenneth Ellul**[13] inghad li " *Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma tirrikjediex sensiela interminabbli ta' ragunijiet straordinarji u specjali*".

L-esponenti jirreferi ghall-gurisprudenza tabilhaqq kopjuza ta' din l-Onorabbli Qorti, li nvarjabbilment irriteniet illi biex Qorti tkun tista` tapplika dan l-artikolu, irridu tabilhaqq jikkonkorru cirkostanzi *specjali u straordinarji*, u li l-Qorti, fis-sentenza taghha, trid mhux biss tindika dawn ic-cirkostanzi, izda tidhol fihom bir-reqqa.

L-esponenti jghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijeit **Il-Pulizija (Supt. Farrugia Mamo Vs Carmel Sive Charles Zammit**[14] fejn gie rilevat li fir- rigward ta' meta il-Qorti ghandha tghati piena inqas mill-mimimu stabbilit mill-ligi li:-

> "*Kull kaz irid jigi ezaminat bir-reqqa u fuq il-meriti tieghu; ….. Wiehed irid iqis kollox: in-natura tar-reati u kif dawn effetwaw lill-vittma jew vittmi (jekk kien hemm…… u hafna u hafna affarijiet ohra li din il-Qorti ma tarax li tista' telenkahom kollha*".

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax (11)ta' Dicembru 1998

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa(5) ta' Jannar 1999

[13] Deciza nhar it-12 ta Mejju 2015

[14] Deciza mill-Qorti ta l-Appell nhar id-29 ta Lulju 2002

Jigi enfasizzat pero' lil din il-Qorti li mhux kull raguni li fil-fehma ta' xi parti, hija specjali hija *straordinarja* u ghandha ghalhekk tittutela bhala raguni tajba ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Ragunijiet assurdi jew ordinarji m'ghandhomx jkollhom widen[15].

Naturalment, il-Qorti ghandha margini ta' diskrezzjoni wiesgha hafna ghal dak li hu apprezzament ta' x'jammonta jew ma jammontax ghal '*ragunijiet specjali u straordinarji.*'

Per ezempju fis-sentenza gia citata fl-ismijiet **Il-Pulizija v Simon Camilleri**[16] saret referenza ghal certu fatturi imqajjmin mid-Difiza u cioe fedina penali tal-akkuzat, gravita tar-reati u l-valuri nvoluti u l-Qorti hasset li cirkostanzi bhal dawn semmai jaggravaw il-piena u mhux jimminimizzawha.

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Borg**[17], gie deciz li l-fatt li wiehed ikollu fedina penali nadifa, ma tammontax la ghal raguni straordinarja u lanqas ghal raguni specjali.

Ir-ragunijiet iridu jkunu verament *specjali u straordinarji.* Per ezempju kif hemm imnizzel fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Vincent Spiteri**[18] - dewmien esagerat fil-proceduri.

Illi fis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti jirrizutla li hija identifikat ir-rgunijiet li wasluha biex taghti piena inqas mill-minimum stabbilit mill-ligi u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra dawn ir ragunijiet wiehed wiehed biex tara jekk ghandhomx jigu imharsa u kunsidrati bhala ragunijiet *straordinarja u specjali.*

Ikkunsidrat,

[15] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti.
[16] ibid
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Ottubru 1977.
[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 1999.

Illi fl-ewwel lok l-Qorti qieset il-fatt li fl-istess jum l-appellant gie kundannat ghall-akkuzi ohra f'sentenza separata ghal-tnax-il xhar prigunerija. L-ewwel Qorti qieset dan il-fattur bhal wiehed li ghandu jiggustifika lil Qorti flimkien mal-fatturi l-ohra li ser jigi elenkati bhala raguni *straordinarja u specjali.* Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx li dan il-fattur ghandu jigi kkunsidrat bhala raguni *straordinarja u specjali* anzi pjuttost ghandu jitqies bhala aggravju fis-sens li l-piena ma tingahtax fil-minimum taghha u dan ghaliex jidher li l-appellant mhux qed jiehu is-sistema gudizzjajra bis-serjeta. Fil-fatt jinghad li mikejja li l-appelant ghandu biss tletin sena ghaliex twieled fis-sena (1988) diga' ghandu diversi reati registrati fuq il-fedina penali tieghu fosthom anke dawk ta' pusess ta' droga u dan sa mis-sena 2007 meta kien ghad kellu dsatax-il sena. Jigi puntwalizzat li mis-sena 2007 sas-sena 2018 diga kellu sitt convictins registrati fosthom fuq akkuzi ta' pusess ta' droga, frodi, uzu hazin ta' computer. Jidher li l-appellant fil-fatt ghandu problema kbira u akuta ta' abbuz ta' droga tant li fl-istatement tieghu jghid li kien '*mghaffeg*'[19] u ma setaghx jaghmel statement fil-bidu. Jigi rilevat li minkejja li inghata diversi opportunitajiet sabeix jirrihabilita ruhu permezz ta' probation orders u conditional discharges rega' kiser duffrejgh mal-ligi din id-darba ghalkemm forsi jidher li hija l-ewwel darba fuq ir-reat ta' serq aggravat. Fil-fehma tal-Qorti din ir-raguni moghtija mill-ewwel Qorti m'ghandhiex tigi kunsirata bhala raguni *straordinarja u specjali.*

Fit-tieni lok l-ewwel Qorti stqarret li l-appellant wera x-xewqa tieghu li jirranga hajtu. Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

[19] Statement tal akkuzat data 6 ta Awwissu 2018 a fol. 6 l-ahhar linja

Illi f'dan il-kaz per'o il-Qorti ma thossx li u ma temminx li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin. L-appellant ilu b'din il-probema zgur mis-sena 2007 meta kellu l-ewwel conviction ta' pusses ta' droga u donnu ma indirizzax tali problema msihuta minkejja li ghaddew hdax-il sena. Fil-process ma hemm l-ebda prova li huwa pprova jghamel xi kuntatt mal-Caritas jew Sedqa jew li ghamel xi program. Hemm biss li huwa wera ix-xewqa. Il-Qorti trid li bniedem jghamel pass oltre u mhux li juri ix-xewqa bhal per esempju jibda' u jikkompleta kors ta' rihabilitazzzjoni. L-appellant lanqas ressaq xi xhieda biex jipprova ghas-sodisfazjoni tal-Qorti x'mizuri ha biex jipprova ibiddel hajtu. Ghalhekk din ir-raguni ukoll mhiex wahda li ghandha titqies bhala *straordinarja u specjali.*

Fit-tielet lok l-ewwel Qorti ccitat bhala raguni sabeix tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 l-fatt li l-appellant irrgistra ammissjoni fi stadju bikri. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u cioe' **Il-Pulizija (Spt. Jesmond Micallef) Vs Kevin Joseph Camilleri**[20] fejn gie ritenut li:-

> *Illi r-raguni accennata mid-difiza tal-appellat quddiem din il-Qorti w cioe' li hu ghandu l-vizzju tax-xorb zgur li m'hiex raguni specjali w straordinarja li ghandha twassal ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21. L-anqas ukoll ma hi raguni specjali w straordinarja l-ammissjoni bikrija tal-appellat u dana ghaliex ir-ragunijiet specjali w straordinarji iridu jkunu intrinsici ghall-kommessjoni tar-reat innifsu bhala ma huma sitwazzjonijiet ta' emergenza, ta' forza magguri, ecc.*

Taghmel referenzza ukoll ghal sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Y. Farrugia) Vs Lawrence Montebello** [21] fejn inghad li :-

> *Certament li l-ammissjoni bikrija ma ghandhiex titqies bhala raguni specjali jew straordinarja biex tinghata piena taht il-minimu preskritt mill-ligi.*

Ghalhekk din il-Qorti ser tabbraccja l-hsieb gja espress minn din l-Qorti divesament presduta u taghmilha taghha u tghid li ammissjoni bikrija ma hix raguni li ghandha titqies bhala wahda *straordinarja u specjali.*

[20] Deciz nhar it-12 ta frar 2009
[21] Deciza fid-9 ta Lulju 2009

L-ahhar raguni li l-Qorti tat bhala raguni ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 hija dik li l-appellant irritorna ir-res furtiva. Jinghad li dan ma kienx kaz fejn effettivament l-appellant ghen lill-prosekuzzjoni tipprova tirkupra r-res furtiva izda hu kaz fejn l-appellant gie imwaqqaf mill-pulizija proprju meta kien qed isuq din il-vettura li allegatament kienet giet mghotija lilu jumejn qabel skond dak ma qal fl-istatment. Fil-fatt mhux talli ma ghenx lill-pulizija izda kif qal hu stress meta ra lill-pulizija qabad u rema ic-cavetta tal-vettura[22]. Ghalhekk lanqas din m'hi raguni li ghandha titqies bhala strordinarja jew specjali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat, fuq ammissjoni tieghu, hati tal-imputazzjoni w tal-addebiti tar-recidiva, w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-hati ghal tnax-il xahar prigunerija w minflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta' erba' w ghoxrin (24) xahar prigunerija.

Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex vermament jghin lill-appellant jindirizza l-problema tant akuta li huwa ghandu ta' abbuz ta droga sabeix forsi wara li huwa jiskonta is-sentenza ta' prigunerija l-istess appellant ikun f'sitwazzjoni ahjar li jirrintegra ruhu lura fis-socjeta' li wara kollox jifforma parti minnha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[22] Statement tal akkuzat data 6 ta Awwissu 2018 a fol 2 f'nofs il-pagna